MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 908/2009

**H.S.B.C. Bank Malta plc (C3177) ġiet estromessa mill-kawża u sostitwita bil-Bank of Valletta plc (C 2833)**

**-vs-**

**Pierre Schembri u martu Rie Schembri bint Mitsuru Ishita u Ruriko Ishita mwielda Shinshiro City, Aichi, Japan**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fit-22 ta’ Settembru 2009 li permezz tiegħu l-banka rikorrenti ppremettiet:

Illi l-bank attur, li fih ġie amalgamat H.S.B.C. Home Loans (Malta) Limited kien silef lill-konvenut is-somma ta’ sitta u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u tmenin Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€46,587.47) ekwivalenti għal għoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) sabiex l-istess konvenut jixtri l-

aħħar kwart ($^1/_4$) sehem indiviż tal-fond ħamsa u ħamsin (55), Isouard Street, Sliema

Illi *stante* li l-konvenut ma ħallasx lura l-flus lilu mislufa l-bank attur irrenda titolu eżekuttiv il-kuntratt ta' self, u dan permezz ta' ittra uffiċjali datata 10 ta' Ġunju 2005 u sussegwentament, fl-10 ta' Marzu 2006 istitwixxa proċeduri tas-subasta fl-ismijiet **"H.S.B.C. Home Loans (Malta) Ltd amalgamati ma' H.S.B.C. Bank Malta p.l.c. fil-21 ta' April 2006 vs Pierre Schembri"** (subasta numru 44/2006) fejn talab il-bejgħ tal-fond 55, Isouard Street, Sliema.

Illi fis-6 ta' Diċembru 2007 il-fond imsemmi ġie mibjugħ bis-subasta u aġġudikat lill-bank attur.

Illi in segwitu għall-bejgħ bis-subbasta fuq imsemmi il-konvenuti qed jokkupaw il-fond baqgħu inadempjenti.

Għaldaqstant il-bank attur jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti:-

(1) Tiddikjara illi l-konvenuti qed jokkupaw il-fond 55, Isouard Street, Sliema, mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

(2) Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju jiżgumbraw mill-fond *de quo*.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-banka attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti ppreżentata fil-11 ta' Diċembru 2009, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi t-talbiet tal-Bank rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti *stante* illi l-esponenti għandhom titolu validu fuq il-fond 55, Isouard Street, Sliema;

2. Illi fil-fatt, filwaqt illi l-esponenti Pierre Schembri kien akkwista l-fond *de quo* u sari l-proprjetarju esklussiv tiegħu iktar minn għaxar snin ilu, huwa ilu jgħix f'dan l-istess fond sa mill-1995;

3. Illi *inoltre*, il-fond *de quo* huwa l-uniku residenza tal-esponenti li m'għandhom l-ebda proprjeta' oħra fejn jirrisjedu u għalhekk huma ser isofru preġudizzju serju u gravi jekk it-talbiet odjerni tar-rikorrenti kellhom jiġu milqugħa u għalhekk f'dan ir-rigward, l-esponenti qed iżommu ferm issa kwalunkwe azzjoni għad-danni li jistgħu talvolta jkollhom fil-konfront tal-Bank rikorrenti.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tagħha tad-29 ta' Novembru 2010 li permezz tiegħu l-bank H.S.B.C. ġie estromess mill-kawża u minflok daħlet fil-kawża l-banka attriċi;

Rat illi l-istess konvenuti ma ressqux provi fis-seduti tat-12 ta' Novembru 2010 meta l-kawża dakinhar kienet (anke f'seduti preċedenti) imħollija għall-provi tagħhom;

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Frar 2011 li permezz tagħha l-Qorti ddeferiet il-kawża għas-sentenza wara li l-banka attriċi ressqet il-provi tagħha;

Ikkunsidrat.

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li l-konvenuti jiġu żgumbrati mill-fond in kwistjoni u dan peress li l-istess banka akkwistat il-fond stess minghand il-bank H.S.B.C. Bank Malta permezz att ippublikat minn Nutar Maria Buckle fil-mori tal-kawża; il-bank imsemmi da parti tiegħu kien akkwista permezz tal-proċeduri tas-subbasta u li l-atti relattivi ġew esebiti debitament. Il-konvenuti, għalkemm allegaw fir-risposta tagħhom illi għandhom titolu (mingħajr ma qalu x'inhu), ma ressqux provi u lanqas ma rribattew il-prova

mressqa skond l-atti preżentati u għalhekk it-talba attriċi tirriżulta ġustifikata.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi, u għall-fini tat-tieni talba tordna li l-konvenuti jiżgumbraw mill-proprjeta' in kwistjoni fi żmien xahar.**

**L-ispejjeż ikunu a kariku tal-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------